# QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Lulju 2008 — Alitalia vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-301/01)** [1]

***(Għajnuna mill-Istat — Rikapitalizzazzjoni ta' Alitalia min-naħa ta' l-awtoritajiet Taljani — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kumpatibbli mas-suq komuni — Deċiżjoni meħuda wara sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tannulla deċiżjoni preċedenti — Ammissibbiltà — Ksur ta' l-Artikolu 233 KE — Ksur ta' l-Artikoli 87 KE u 88 KE — Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2008/C 209/65)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Alitalia — Linee aeree italiane Spa (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: M. Siragusa, G.M. Roberti, G. Scassellati Sforzolini, F. Moretti u F. Sciaudone, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Di Bucci, aġent, assistit minn A. Abate u G. Conte, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 201/723/KE tat-18 ta' Lulju 2001, dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-kumpannija Alitalia (ĠU L 271, p. 28)

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Alitalia — Linee aeree Italiane SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 44, 16.2.2002.

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-1 ta' Lulju 2008 — Deutsche Post vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-266/02)** [1]

***(Għajnuna mill-Istat — Miżuri meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi favur id-Deutsche Post AG — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali — Kumpens ta' spejjeż addizzjonali ġġenerati minn politika ta' bejgħ b'telf fis-settur tat-trasport ta' pakketti bieb bieb — Nuqqas ta' vantaġġ)***

(2008/C 209/66)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Post AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Sedemund u T. Lübbig, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Kreuschitz u J. Flett, aġenti)

*Intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: W.-D. Plessing u M. Lumma, aġenti)

*Intervenjenti in sostenn tal-konvenuta:* Bundesverband Internationaler Express- und Kurierdienste eV (BIEK) (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Mitzkus, T. Wambach et R. Wojtek, avukati); u UPS Europe NV/SA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment T. Ottervanger u A. Bijleveld, u sussegwentement T. Ottervanger, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/753/KE, tad-19 ta' Ġunju 2002, dwar miżuri meħuda mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur id-Deutsche Post AG (ĠU L 247, p. 27).

### Dispożittiv

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/753/KE, tad-19 ta' Ġunju 2002, dwar miżuri meħuda mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur id-Deutsche Post AG hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Deutsche Post.*

3) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Bundesverband Internationaler Express- und Kurierdienste eV (BIEK) u UPS Europe NV/SA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 274, 9.11.2002.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 — Saint-Gobain Gyproc Belgium vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-50/03)** ([1])

***(Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-plasterboards — Deċiżjoni li tikkonstata ksur ta' l-Artikolu 81 KE — Multa — Gravità u dewmien tal-ksur — Ċirkustanzi mitiganti)***

(2008/C 209/67)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Saint-Gobain Gyproc Belgium NV, li qabel kienet BPB Belgium NV, li qabel kienet Gyproc Benelux NV (Beveren-Kallo, il-Belġju) (rappreżentanti: J.-F. Bellis, P. L'Ecluse u M. Favart, avocats)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel F. Castillo de la Torre u C. Ingen-Housz, wara F. Castillo de la Torre u F. Arbault, aġenti)

**Suġġett**

Rikors skond l-Artikoli 229 KE u 230 KE intiż għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq Gyproc bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/471/KE, tas-27 ta' Novembru 2002, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 [KE] kontra BPB plc, Gebrüder Knauf Westdeutsche Gipswerke KG, Société Lafarge SA u Gyproc Benelux NV (Każ COMP/E-1/37.152 — Plasterboards) (ĠU 2005, L 166, p. 8).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Saint-Gobain Gyproc Belgium NV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 101 26.4.2003.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 — Knauf Gips vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-52/03)** ([1])

***(Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-plasterboards — Deċiżjoni li tikkonstata ksur ta' l-Artikolu 81 KE — Aċċess għal-fajl — Ksur uniku u kontinwat — Imputazzjoni — Multa — Linji gwida għall-kalkolu ta' l-ammont tal-multa — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva)***

(2008/C 209/68)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Knauf Gips KG, preċedentement Gebrüder Knauf Westdeutsche Gipswerke KG (Iphofen, Il-Ġermanja) (rappreżentanti: L-ewwel M. Klusmann u F. Wiemer, u wara M. Klusmann, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel F. Castillo de la Torre u S. Rating, u wara F. Castillo de la Torre u R. Sauer, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/471/KE, tas-27 ta' Novembru 2002, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 [KE] fil-konfront ta' BPB plc, Gebrüder Knauf Westdeutsche Gipswerke KG, Société Lafarge SA u Gyproc Benelux NV (Kawża COMP/E-1/37.152 — Plasterboards) (ĠU 2005, L 166, p. 8), jew, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-multa imposta lir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Knauf Gips KG għandha tbati l-ispejjeż*

---

([1]) ĠU C 124, 24.5.2003.